# L-Orgni tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop

## L-Ewwel Parti (1892 - 1934)

*Kitba ta' Winston L. Zammit*
*B.A.(Hons.)P.G.C.E.MA.*

**Nota Editorjali**

*L-orgni mużikali huwa għodda essenzjali fi Knisja, speċjalment jekk tkun parrokkjali. L-armonija tal-mużika tiegħu ddaħħal il-komunità nisranija fl-atmosfera ta' dak li jkun qed jiġi ċċelebrat. Hekk ngħidu li għal festa jew funeral, l-orgni jibdel it-tonalitajiet tiegħu bħalma jagħmel fi żminijiet l-Avvent jew ir-Randan. L-orgni wkoll jagħti lok li l-komunità miġbura fil-knisja, tipparteċipa fil-funzjoni permezz tal-kant. Ħal Kirkop mhux b'inqas minn knejjes oħra, u sa minn żmien bikri, il-prokuraturi tal-Knisja u magħhom il-Kappillan ħassew il-ħtieġa li jkollhom orgni mużikali. Bis-snin li jgħaddu minn fuqhom u anke bl-użu, ċerti oġġetti jispiċċaw u jitwarrbu biex jagħmlu wisa għal oħrajn aktar ġodda. Madwar tmenin sena ilu, il-Parroċċa ta' Ħal Kirkop, akkwistat l-orgni li kien jinsab fil-parroċċa tas-Sacro Cuor ġo tas-Sliema. U appuntu Winston Zammit qed jagħtina dan l-artiklu biex jinfurmana dwar l-oriġini ta' dan l-orgni li għadu jintuża sal-lum il-ġurnata fil-parroċċa tagħna.*

L-Orgni li hemm illum fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop ilu jagħti servizz għal 120 sena. Iżda kif se naraw f'dan l-artiklu, bejn l-1892 u l-1934 dan l-istess orgni ta servizz fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna Tas-Sacro Cuor, f'Tas-Sliema, li għaliha nħadem fl-1892.

Il-Knisja tal-Madonna Tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema nbniet bejn l-1877 u l-1881 bit-tħabrik ta' Dun Paul Vella (1831-1883). Tlestiet u nfetħet f'Ġunju 1881 u f'Novembru 1881 għaddiet f'idejn il-Patrijiet Franġiskani Minuri[1].

Wara li l-Patrijiet Franġiskani ħadu l-Knisja f'idejhom, permezz tal-benefatturi saru diversi fil-Knisja.

L-orgni jaf il-bidu tiegħu f'Jannar 1892. Fit-22 ta' Jannar 1892, sar ftehim bejn il-Patrijiet Franġiskani Minura ta' Tas-Sliema li għalihom deher is-Sindku Appostoliku tal-Kunvent, il-Barun Depiro Gourgion, u Maestro Giuseppe Bergomi minn Brescia, biex Bergomi jibni orgni għall-Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema. Jidher li sax-xahar ta' wara Frar 1892, Bergomi beda x-xogħol fuq l-orgni li kien lest sa Ottubru tal-istess sena.

Fejn inħadem? L-indikazzjoni huma li dan l-orgni aktarx inħadem hawn Malta stess. Dan joħroġ mill-fatt li ma saru l-ebda ħlasijiet b'rabta mit-trasport tal-orgni mill-Italja għal Malta. B'kollox dan l-orgni qam £125. Din is-somma tħallset permezz ta' sittax-il pagament li saru bejn Jannar 1892 u Ottubru 1893. Il-pagamenti li saru kienu jvarjaw bejn £3 u £16[2].

## L-Inawgurazzjoni

L-orgni jidher li kien diġà toqgħod f'postu fil-Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor, fil-bidu t'Ottubru 1892. Dan joħroġ minn avviż li deher f'gazzetta lokali bit-Taljan, li maqlub bil-Malti kien jgħid: "Fis-sitta ta' dan ix-xahar (Ottubru) fil-Knisja tal-Madonna Tas-Sacro Cuor kien se jsir l-inawgurazzjoni tal-orgni l-ġdid. Xogħol ta' Giuseppe Bergomi minn Brescia. Diversi professuri tal-mużika lokali laqgħu l-istedina li jieħdu sehem f'din iċ-ċerimonja billi jdoqqu biċċiet magħżulin. Għaldaqstant, id-diversi benefatturi li tant impenjaw ruħhom biex iżejnu din il-knisja b'din l-opra huma mistiedna biex jieħdu sehem f'din iċ-ċerimonja fil-ġurnata indikata fl-4 ta' wara nofsinhar[3].

Din iċ-ċerimonja fil-fatt saret. Gazzetta lokali fil-fatt tgħidilna li kbir kien il-konkors tan-nies, biex għall-ewwel darba jisimgħu dan l-orgni jindaqq f'din iċ-ċerimonja. Ħadu sehem diversi professuri tal-mużika, u l-aħjar organisti fosthom Dr Vella, u s-Sur Lorenzu Gatt mill-Imdina[4].

Minbarra l-gazzetta fuq imsemmija, l-orgni l-ġdid ġie msemmi f'gazzetta oħra lokali Il Portafoglio Maltese, li ddeskriviet dan l-orgni bħala "Un magnifico organo opera dell'egregio costruttore Signor Giuseppe Bergomi".

Billi fl-istess xahar (Ottubru 1892) fil-Knisja tal-Madonna Tas-Sacro Cuor, ġiet iċċelebrata l-festa ta' San Franġisk, l-istess gazzetta tgħidilna li bosta nies marru għal din il-festa biex fost affarijiet oħra jaraw l-orgni l-ġdid[5].

Dan l-orgni baqa' jintuża sal-1934. Ġara li fis-snin 30 tas-seklu XX, il-knisja parrokkjali tal-Madonna Tas-Sacro Cuor ġiet imkabbra u nbniet ukoll faċċata ġdida. Għaldaqstant fl-1934 nqala' minn postu u wara nbiegħ lill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop, fejn għadu sal-lum[6].

**Referenzi**

1 W. L. Zammit, "Tas-Sliema fis-Seklu XIX, (KKM174 2000 p. p. 233-242, 246-247
2 A(rkivju) P(rovinċjali) P(atrijiet) M(inuri) V(alletta). Esito del Ven. Convento di Nostra Signora del S cuore di Gesù della Sliema 1887-1924 f2R, 2V, 3R, 3V.
3 Gazzetta di Malta corriere Mercantile Maltese 4-X-1892.
4 Ibid 12-X-1892.
5 Il Portafoglio Maltese 20-X-1892.
6 M. Catania, Is-Sacro Cuor Sliema (1968) p. 48.